# “Ir-riċerka hija r-ruħ tal-Università”

L-ewwelnett nixtieq nirringrazzja lil Dr Alfred Sant ta' l-istedina li għoġbu jagħmilli. Jiena u hu iggradwajna kważi tletin sena ilu flimkien mill-istess istituzzjoni, hu mill-fakultà tax-xjenza u jien mill-fakultà tal-mediċina. Meta rċevejt l-istedina ħabbilt ftit rasi, għaliex ma kienx hemm indikat is-suġġett li xtaquni niddiskuti. Forsi ma kinitx tkun idea ħażina kieku l-*meeting* seta' jkun ftit iżjed strutturat, għalkemm is-sessjoni ta' dal-għodu kienet interessanti ħafna, smajna bosta ideat fuq ħafna affarijiet. Mhux qed ngħid bi kritika, imma naħseb kienet tinħoloq forsi aktar direzzjoni u diskussjoni. Ma kontx naf jekk għandix nitkellem fuq l-Università, fuq l-edukazzjoni Universitarja, fuq mediċina, jew fuq edukazzjoni medika. Bosta mill-kelliema ta' qabli diġà messew dawn is-suġġetti. Meta kelliem ikun minn ta' l-aħħar, ikollu ċerti vantaġġi iżda jkollu wkoll ċerti żvantaġġi. Il-vantaġġi jkunu li jkun ftit jew wisq sema' x'ingħad qabel, jispera li dak li tkellmu qabel ħallewlu xi ħaġa xi jgħid u jkun jista' b'xi mod jikkonkludi. L-iżvantaġġ hu li n-nies jibdew jagħjew u jsiru aktar irritabbli. Issa niġu għall-punt. Qiegħed hawn f'kapaċità personali. Dawn l-aħħar ħames snin kont l-ewwel viċi-*chairman* u mbagħad *chairman* tal-kumitat fuq *Higher Education and Research* tal-Kunsill ta' l-Ewropa fi Strasbourg. Ġejt f'kuntatt mill-qrib ma' Universitajiet fl-Ewropa bil-problemi kollha tagħhom. Allura se nipprova nitkellem fil-qosor kemm jista' jkun fuq l-Università bħala istituzzjoni, fuq l-Università mhux tagħna biss. X'inhuma l-problemi li Universitajiet ser ikollhom fis-seklu li ġej? Dawn il-problemi diġà qegħdin magħna. Fost l-akbar problemi hemm il-finanzjament tar-riċerka, id-dħul ta' studenti fl-Università, kif ukoll problemi ta'

---



ROGER ELLUL MICALLEF M.D., Ph.D.(Edin.), F.R.C.P.(Edin.) huwa professur tal-Farmakoloġija Klinika u Terapija fl-Università ta' Malta. Speċjalizza fil-Mediċina Respiratorja u ppubblika xogħlijiet ta' riċerka f'rivisti internazzjonali u kapitli għal għadd ta' testi xjentifiċi dwar l-ażma. Ko-editur ta' żewġ kotba dwar dan is-suġġett. Ħa sehem f'diversi kungressi internazzjonali u għamel konferenzi f'diversi universitajiet barranin. Membru tal-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina, tas-Senat u tal-Kunsill ta' l-Università. Hu wkoll *chairman* tal-kumitat fuq *'Higher Education and Research'* tal-Kunsill ta' l-Ewropa fi Strasbourg, u Pro-Rettur ta' l-Università.

rikonoxximent ta' perjodi ta' studju u gradi. Ma' ta' l-aħħar hemm marbuta l-kwistjoni ta' mobilità ta' studenti u għalliema minn istituzzjoni għal oħra. Hemm ukoll il-problema ta' demokratizzazzjoni ta' l-Università. Jiena nemmen li l-Università għandha tagħti sehemha fl-iżvilupp ta' l-individwu, tas-soċjetà u tal-pajjiż. Biex tagħmel dan għandha tkun imħejjija u tingħata l-għodod biex tirrispondi b'mod pożittiv għall-bżonnijiet tal-pajjiż. Mhux biss, imma minnha għandhom joħorġu l-ideat li jistimulaw il-progress tas-soċjetà. L-Università għandha tgħin b'mod prattiku biex dan il-proċess iseħħ. Filwaqt li l-għan prinċipali ta' Università bħalma hi tagħna, Università żgħira f'pajjiż żgħir, hu wieħed ta' tagħlim, nemmen li biex dan isir sewwa ma tistax toftom it-tagħlim mir-riċerka. Dan ippruvaw jagħmluh il-pajjiżi taċ-ċentru ta' l-Ewropa u tal-Lvant ta' l-Ewropa. Jien mort u rajt x'sar hemmhekk, kellhom falliment kbir. Ir-riċerka hija r-ruħ ta' l-Università u naħseb li issa fuq dan naqblu lkoll. Hu evidenti li f'Università bħal tagħna jeżistu limitazzjonijiet għar-riċerka. Aħna, per eżempju, ma nistgħux nidħlu f'riċerka f'kampjiet ta' *particle physics*, fejn l-ispejjeż huma enormi. Madankollu, hemm riċerka valida li qed issir l-Università. Hija skuża tal-għażżien li jgħid li ma jistax jagħmel riċerka. Forsi ma jistax jirriċerka dak kollu li jrid jagħmel imma xi forma ta' riċerka jista' jagħmel. Aħna rridu nfittxu biex insibu metodi u mezzi ta' kif nistgħu nidħlu bi sħab fi proġetti ta' riċerka ma' ħaddieħor speċjalment ma' Universitajiet tal-Mediterran. Hawn Malta diġà rnexxielna nidħlu bi sħab ma' Universitajiet oħra fl-Ewropa u fl-Afrika ta' fuq f'numru mdaqqas ta' proġetti xjentifiċi. L-Università qiegħda wkoll tiddetermina *areas of excellence* li fihom se tipprova tinvesti l-parti l-kbira tar-riżorsi tagħha. Waħda minn dawn hija *Marine Sciences* u dak kollu li għandu x'jaqsam mal-*Marine World and Environment. Alternative Sources of Energy* hija oħra. Malta qegħdin f'sitwazzjoni ideali fejn ċerti aspetti tal-mediċina jistgħu jiġu investigati, speċjalment f'dik li hija epidemjoloġija, f'dik li hija ġenetika u fl-oqsma tal-ġerjatrija, dijabete u ażma. Xogħol bħal dan qed isir diġà. Naħseb li forsi wasal iż-żmien li wieħed jibda jaħseb fuq *A National Research Strategy*, li jitwaqqaf *A National Research Body*. Dan għandu jkun barra mill-Università u għandu jkollu ammont ta' flus sostanzjali. Il-funzjoni tiegħu għandha tkun li jara u jevalwa ċertu proġetti kbar li huma ta' importanza għall-iżvilupp tal-pajjiż.

Id-dħul ta' l-istudenti f'Università – *access* – hi problema taħraq li bħalissa qed tiġi diskussa fil-Kunsill ta' l-Ewropa. Jiena wieħed minn dawk li nemmen li kull min għandu l-kwalifiki neċessarji u l-abbiltà li jibbenefika minn edukazzjoni terzjarja, għandu jkollu l-opportunità li jagħmel dan. Hawn Malta aħna qegħdin lura ħafna fin-numru ta' xjenzjati li qegħdin nipproduċu. In-numru ta' studenti li jipparteċipaw u jibbenefikaw minn edukazzjoni terzjarja, mhux neċessarjament edukazzjoni universitarja, irid jissaħħaħ. Bejn wieħed u

ieħor madwar erbatax fil-mija ta' dawk li għalqu t-tmintax-il sena qegħdin l-Università. L-Università tagħna tinsab lesta li toħloq dipartimenti u korsijiet ġodda biex tlaħħaq mal-ħtiġijiet tal-pajjiż. L-istudenti għandhom jiġu mħajra dejjem iżjed biex jidħlu għall-korsijiet ta' studju ġodda u mhux dejjem ifittxu l-korsijiet hekk imsejħa tradizzjonali. Bħalissa hemm żewġ fakultajiet biss fejn jeżisti n-*numerus clausus.* Dawn huma l-fakultà tal-mediċina u dik tad-dentistrija, u hemm pjanijiet biex anki f'dawn in-*numerus clausus* jitneħħa wkoll.

Marbuta mad-dħul fl-Università, hemm problema oħra li hija l-problema tar-rikonoxximent ta' gradi u perjodi ta' studju minn Universitajiet oħra. Il-problema tar-rikonoxximent qiegħda fuq żewġ livelli. Hemm il-problema ta' rikonoxximent akkademiku li forsi hija l-aktar waħda faċli biex tiġi solvuta, u hemm il-problema tar-rikonoxximent professjonali. Din ta' l-aħħar tagħti d-dritt lil dak li jkun li jmur jeżerċita l-professjoni tiegħu f'pajjiż ieħor, din hija iżjed ikkumplikata. Fuq ir-rikonoxximent akkademiku jiena rnexxieli nlaqqa' hawn Malta f'Ottubru li għadda konferenza tal-Kunsill ta' l-Ewropa. Għalina r-rikonoxximent akkademiku huwa suġġett importantissimu. Mis-sittinijiet l-Università ta' Malta ħasbet biex iġġib eżaminaturi minn barra. Dan irriżulta li mhux biss li l-gradi tagħna jkunu ta' livell komparabbli ma' dawk ta' barra imma għen biex l-istudenti tagħna jsibu postijiet fejn ikunu jistgħu jagħmlu studji aktar avvanzati. Pajjiżi oħra fejn din is-sistema għadhom ma addottawhiex qed jiffaċċjaw problemi ta' tibdil ta' studenti. Aħna għalina li jkun hemm mobilità ta' studenti kif ukoll ta' għalliema hija essenzjali biex l-Università tagħna ma tistaġnax. Fl-Università tagħna aħna ma nistgħux nipprovdu l-faċilitajiet ta' riċerka u studji dejjem iżjed avvanzati f'kull kamp u f'kull dixxiplina.

Wasalna wkoll fi stadju fejn qed issir dejjem iżjed diffiċli biex niffinanzjaw l-istudji avvanzati (PhD) ta' membri ġodda ta' l-istaff akkademiku. Fejn qabel dawn konna nistgħu nibagħtuhom jagħmlu l-istudji għal PhD kompletament barra, illum il-ġurnata dan ma għadux iżjed possibbli. Ħafna drabi kien jiġri li dak li kien imur għall-PhD jiġi assenjat jagħmel xogħol f'dak id-dipartiment fejn mar jistudja li jkun prinċipalment ta' interess ta' dak id-dipartiment jew ta' dak il-pajjiż fejn ikun mar l-istudent. Spiss kienet tinħoloq sitwazzjoni ta' frustrazzjoni għax meta wieħed jiġi lura Malta ma kienx ikun jista' jkompli fir-riċerka li jkun qabad għax ma jkunx hawn il-faċilitajiet meħtieġa. Issa wieħed qed jipprova li n-nies li jmorru biex jagħmlu PhD jagħżlu linja ta' riċerka li tista' ssir lokalment u li d-dipartiment lokali huwa interessat fiha. L-istudent jagħmel parti mir-riċerka tiegħu hawn u l-bqija f'dipartiment barra minn Malta. U naħseb li din hija s-sistema ta' riċerka li rridu nistabilixxu.

Punt ieħor importanti wkoll, imma m'għandix iż-żmien li niżviluppah hu

l-kwistjoni tal-*quality assurance* u *academy audit*, fejn mhux biss għandu jkun hemm trasparenza fl-amministrazzjoni imma għandu jkun hemm ukoll forma ta' ġbir ta' informazzjoni u evalwazzjoni fuq metodi u kwalità ta' tagħlim u riċerka. Bħalissa hemm sotto-kumitat li wasal biex jiffinalizza rapport fuq hekk. Din hija xi ħaġa li qed issir fl-Università tagħna kif qed issir f'Universitajiet oħra. Hemm bżonn ta' titjib pedagoġiku, ta' metodi ta' tagħlim differenti. Problema oħra hi d-demokratizzazzjoni fl-Università. F'dan il-qasam imxejna 'l quddiem imma għad fadal xi jsir. Il-proċess ġab miegħu vantaġġi u żvantaġġi. Il-vantaġġi jafhom kulħadd. Fost l-iżvantaġġi hemm dak li mhux dejjem jiġi magħżul bħala kap ta' dipartiment jew elett bħala dekan, l-aħjar persuna iżda l-iżjed waħda aċċettabbli. Naħseb li wasal iż-żmien ukoll li nibdew naħsbu għal struttura amministrattiva differenti, l-Università ma għadhiex istituzzjoni li tħaddan fiha elf student biss. L-aħħar problema li sejjer insemmi hija l-akbar waħda. Din irid jerfagħha min ikun fil-Gvern. Hija l-problema ta' finanzjament ta' l-Università. Aħna fl-Università tagħna qegħdin bħal f'Universitajiet oħra, *facing two irresistible forces*, dik ta' *rising costs* u l-oħra ta' *falling revenues*. L-Università, bħalma qed tagħmel diġà, trid tfittex dejjem iżjed riżorsi finanzjarji oħra, minbarra li tara li tuża dak li għandha bl-iżjed mod għaqli.